

32001D0566

L 201/25

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

26.7.2001

ID-DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-5 ta' Lulju 2001

li temenda d-Deċiżjoni BĊE/1998/4 dwar l-adozzjoni tal-kondizzjonijiet ta' l-impieg tal-persunal tal-Bank Ċentrali Ewropew

(BĊE/2001/6)

(2001/566/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-sistema Ewropea ta' banek ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-"Istatut") u b'mod paftrikolari l-Artikolu 36.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Bord Esekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE),

Wara li kkunsidra l-kontribuzzjoni tal-Kunsill Ġenerali tal- BĊE,

Billi:

- (1) L-Istatut jattribwixxi lill-Kunsill Regolatorju tal-BĊE, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Bord Eżekuttiv tal- BĊE, il-kompitu li jstabbilixxi u, fejn meħtieġ, jemenda l-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' l-impjegati tal-BĊE (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-"kondizzjonijiet ta' l-impieg").
- (2) Id-Deċiżjoni BĊE/1998/4 tad-9 ta' Ġunju 1998 dwar l-adozzjoni tal-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' l-impjegati tal-Bank Ċentrali Ewropew kif emendata fil-31 ta' Marzu 1999 ⁽¹⁾ (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ d-"Deċiżjoni BĊE/1998/4"), fiha r-regoli li jirregolaw ir-relazzjonijiet ta' l-impieg bejn il-BĊE u l-impjegati tiegħu.
- (3) Skond il-politika ta' trasparenza segwita mill-BĊE, il-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' l-impjegati tal-BĊE għandhom jintgħamli disponibbli għall-partijiet kollha interessati.

- (4) L-aċċess pubbliku għall-kondizzjonijiet ta' l-impieg jkun sinjifikament faċilitat billi jintgħamli disponibbli fuq il-website tal-BĊE (<http://www.ecb.int>),

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni BĊE/1998/4 għandu jitħassar. L-Artikolu 2 ġdid għandu jiddaħħal li jaqra kif ġej:

"Għall-informazzjoni tal-partijiet kollha interessati, il-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' l-impjegati tal-BĊE għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku fuq il-website tal-BĊE (<http://www.ecb.int>)."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fil-5 ta' Lulju 2001.

Il-President tal- BĊE

Willem F. DUISENBERG

⁽¹⁾ ĠU L 125, tad-19.05.99, p. 32.